Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 396/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**-vs-**

**Anthony u Josephine miżżewġin Ciantar**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-18 ta’ April 2008 li permezz tiegħu l-Bank attur premetta:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien, datati fit-30 t’April 1999 (Dok A1 u A2), is-soċjeta’ attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lis-soċjeta’ Toys ‘N Kids Limited;

2. Illi s-soċjeta’ attriċi tinsab kreditriċi ta’ Toys ’N Kids Limited fis-somma ta’ disa’ mija u tnejn u disgħin elf,

seba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€992,728.33) ekwivalenti għal erba' mija u sitta u għoxrin elf, mija u tmienja u sebgħin Liri Maltin u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm426,178.27) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Accounts" tas-soċjeta' Toys 'N Kids Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B3", Dok "C1 sa C3", Dok "D1 sa D370") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-25 ta' Frar 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' skritturi privati u ċjoe' dawk datati 30 t'April 1999 u 24 ta' Mejju 2000 (Dok 'E', 'F') u permezz taż-żewġ kuntratti datati fit-30 t'April 1999 in atti Nutar Dottor Patrick Critien il-konvenuti Anthony u Josephine miżżewġin Ciantar iggarantew flimkien u *in solidum* mas-soċjeta' Toys 'N Kids Limited għaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Toys 'N Kids Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebit bħala Dokument "A1 u A2", "E", "F") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Anthony u Josephine miżżewġin Ciantar; (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u / jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Anthony u Josephine miżżewġin Ciantar li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbilta' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi;

5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

6. Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata fis-27 ta' Diċembru 2007 li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok "I", sabiex jitħallas d-dejn fuq imsemmi , iżda dawn baqgħu inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu il-konvenuti għaliex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi li qeda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebit bħala Dokument "A1 u A2", "E", "F") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Anthony u Josephine miżżewġin Ciantar (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u / jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Anthony u Josephine miżżewġin Ciantar li jipperikolaw jew jaffetwaw ħażin il-possibbilta' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.

2. Tikkundanna lil Anthony u Josephine miżżewġin Ciantar iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' disa' mija u tnejn u disgħin elf, seba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€992,728.33) ekwivalenti għall-erba' mija u sitta u għoxrin elf, mija u tmienja u sebgħin Liri Maltin u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm426,178.27) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Accounts" tas-soċjeta' Toys 'N Kids Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B3", Dok "C1 sa C3", Dok "D1 sa D370") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-25 ta' Frar 2008 pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata fis-27 ta' Diċembru 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Anthony u Josephine miżżewġin Ciantar, ippreżentata fid-9 ta' Mejju 2008, li permezz tagħha eċċepew:

**Eċċeżżjonijiet Preliminari u Proċedurali:**

Illi l-garanzija li taw il-konvenuti skadiet u ma fadallhiex effett, *una volta* l-bank attur fis-27 ta' Diċembru 2007 unilateralment iddeċieda li jtellef il-benefiċċju taż-żmien lid-debitur u lill-konvenuti, u *ai termini* tal-artikolu 1963 tal-Kap 16 ma pproċediex kontra d-debitur u lill-konvenuti fit-terminu ta' xahrejn infraskritt mil-liġi.

Illi in kwantu jirrigwarda l-garanzija li saret għall-*overdraft*, ma jirriżultax illi l-*events of default* ġew inkorporati fil-kuntratt pubbliku kif premess mill-atturi u kwindi qatt ma seta' kien hemm infrazzjoni tal-grajjiet kontemplati fir-raba' paragrafu tar-rikors tal-atturi, u fl-ewwel talba attriċi;

**Eċċezzjonijiet fil-mertu:**

Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda *stante* li bejn il-bank attur u d-debitur prinċipali, u s-soċjetajiet oħra relatati mad-debitur prinċipali, hemm ftehim viġenti li permezz tiegħu (kif spjegat f'dettall fid-dikjarazzjoni tal-fatti) fl-20 ta' April 2005 id-dejn tas-soċjeta' Toys 'N Kids Ltd. kien ġie kristallizżat fis-somma ta' Lm97,725.69 u, wara din id-data, kontra dan il-bilanċ saru wkoll diversi pagament, kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża. Il-bank attur abbużivament u illegalment jidher li ma approprija xejn minn dawn il-pagamenti kontra l-bilanċ tad-debitur prinċipali. Għalhekk *in pessima* ipotesi l-bilanċ dovut mill-konvenuti, mingħajr preġudizzju għas-sueċċepiet, jammonta għal ferm inqas minn Lm97,725.69.

Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, bil-kuntratti ta' garanzija ffirmati fit-30 ta' April 1999, esebiti bħala Doks "E" u "F", il-garanzija li taw il-konvenuti tista' tammonta biss sa massimu ta' Lm265,000 (Lm250,000 f'Dok "E" u Lm15,000 f'Dok "F"), *oltre* l-imgħaxijiet li ddekorrew minn wara s-27 ta' Ġunju 2007 (i.e. sitt xhur qabel ma ntbagħtet l-ittra uffiċjali datata 27 ta' Diċembru 2007).

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, għandu jirriżulta wkoll illi l-konvneuti ma humiex garanti għas-somma ta' €96,137,66 u ċjoe' l-kont numru 40016166642,

liema kont ma kienx parti mill-ftehim ta’ garanzija li kienu ssottoskrivew għalih il-konvenuti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet il-provi;

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Novembru 2010 illi permezz tiegħu, wara d-debita trattazzjoni da parti tal-abbli difensuri rispettivi, il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti trid allura tikkonsidra l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut qabel ma tidħol fil-mertu tat-talba attriċi.

Illi l-ewwel eċċezzjoni hija fis-sens li *ai termini* tal-Artikolu 1963 tal-Kodiċi Ċivili, ladarba l-banka attriċi ma pproċedietx *entro* xahrejn minn meta ntalab il-ħlas, il-garanzijia li l-istess konvenuti taw ma baqgħetx tiswa. L-artikolu in kwistjoni jgħid infatti illi:

***“Il-garanti illi jkun illimita l-garanzija tiegħu għall-istess żmien li jkun mogħti lid-debitur prinċipali, jibqa’ obbligat ukoll wara dak iż-żmien u għaż-żmien kollu meħtieġ biex id-debitur jiġi mġiegħel iħallas, basta li l-kreditur fi żmien xahrejn mill-għeluq ta dak iż-żmien ikun beda l-proċeduri u jkun issoktahom bid-diliġenza meħtieġa.”***

Illi jirriżulta mil-kuntratti li l-konvenuti obbligaw ruħhom solidalment mas-soċjeta’ msemmija fir-rikors għall-ħlas lura tal-flus mislufa u kif soltu jsir, il-Banka attriċi rriservat id-dritt li titlob il-ħlas lura. Għalhekk m’hemmx kwistjoni illi t-terminu li għalihom kienu marbuta kien l-istess. Jirriżulta

wkoll li l-konvenuti ġew notifikati bl-ittra uffiċjali tas-27 ta' Diċembru 2007 fil-11 ta' Jannar 2008. L-azzjoni odjerna ġiet intavolata fit-18 ta' April 2008.

Illi kif sewwa stqarrew l-istess difensuri tal-partijiet, ma jidher illi hemm ebda ġurisprudenza fir-rigward tan-norma invokata mill-konvenuti. Dispożizzjoni simili teżisti fil-Kodiċi Ċivili Taljan u l-awtur **Trabucchi** fil-Kummentarju tiegħu fir-rigward jgħid illi:

*"La norma in commento imponendo al creditore di attivarsi entro certi termini nei confronti del debitore principale, tende a provocare il sollecito esercizio nel suo diritto di credito, il cui ritardo potrebbe compromettere, nell' incertezza di una lunga attesa, la posizione del fideeiussore. (paragrafo 1957)."*

Illi l-istess awtur jgħid illi din id-dispożizzjoni tgħodd għal kull tip ta' fidejussioni u li ma hemmx dubju li t-terminu in kwistjoni huwa wieħed ta' dekadenza. Ta' min iżid għall-korrettezza li fil-Kodiċi Taljan it-terminu hu l-istess bħal tagħna meta ż-żmien mogħti jkun l-istess għad-debitur prinċipali u l-garanti u ta' sitt xhur meta dan ma jkunx l-istess.

Illi l-Qorti għalhekk jidhrilha li ladarba l-banka attriċi waqqfet iż-żmien għall-ħlas lura bl-ispedizzjoni tal-ittra uffiċjali esebita mal-istess rikors promotur, *ai termini* tal-kuntratti esebiti li jirregolaw ir-rapport ġuridiku tal-istess banka mal-konvenuti (*oltre* mad-debitur prinċipali), iż-żmien meħtieġ biex isir il-ħlas waqaf għaddej. Dan ifisser li skond l-artikolu 1963, il-konvenuti bħala garanti kienu jibqgħu tenuti responsabbli għall-ħlas, **kieku l-azzjoni ġiet intavolta *entro* x-xahrejn**. Ladarba dan ma sarx, il-Qorti taqbel mal-konvenuti li huma allura ma baqgħux marbuta ma' dik il-garanzija.

Illi stabbilit dan ma hemmx lok li l-Qorti tiddeċiedi dwar it-tieni eċċezzjoni.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet attriċi.**

**Spejjeż tal-kawża a kariku tal-banka attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------